31986R0163

28.1.1986 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 21/9

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 163/86

tas-27 ta' Jannar 1986

li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2182/77 li jipprovdi regoli dettaljati għall-bejgħ ta' ċanga tal-friża minn ħażniet ta' intervent għall-ipproċessar fil-Komunità

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 805/68 tas-27 ta' Ġunju 1968 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fiċ-ċanga u l-vitella [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 3768/85 [2] u b'mod partikolari l-Artikolu 7(3) tiegħu,

Billi l-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2182/77 [3], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 3210/85 [4], jispeċifika li l-prodotti proċessati li għandhom jiġu magħmula minn ċanga ta' intervent meta tinbiegħ għall-ipproċessar fil-Komunità; billi, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 597/77 [5] li għalih hemm referenza f'dak l-Artikolu kien ġie mħassar u mibdul b'ċerti dispożizzjonijiet imniżżla fir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1136/79 [6], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 2036/84 [7]; billi huwa għalhekk xieraq li jiġi hekk emendat l-imsemmi Artikolu;

Billi l-miżuri li għalihom jipprovdi dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat tal-Ġestjoni taċ-Ċanga u l-Vitella,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

L-Artikolu 1(1) tar-Regolament (KEE) Nru 2182/77 qiegħed b'dan jinbidel b'dan li ġej:

"1. Laħam mibjugħ skond dan ir-Regolament għandu jiġi użat għall-manifattura fil-Komunità, skond l-għażla tax-xerrej, ta'

(a) ikel ippriżervat kif imfisser fl-Artikolu 2(5) tar-Regolament (KEE) Nru 1136/79, jew

(b) prodotti oħra kif imfissra fl-Artikolu 2(6) ta' dak ir-Regolament, jew prodotti li jaqgħu fit-Tariffa Doganali Komuni subintestatura 02.06 Ċ I (a) 2."

L-Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum li jiġi wara dak li fih jiġi publikat fil-*Ġurnal Uffiċċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-27 ta' Jannar 1986.

Għall-Kummissjoni

Franz ANDRIESSEN

Viċi-President

---

[1] ĠU L 148, tat-28.6.1968, p. 24.
[2] ĠU L 362, tal-31.12.1985, p. 8.
[3] ĠU L 251, ta' l-1.10.1977, p. 60.
[4] ĠU L 303, tas-16.11.1985, p. 13.
[5] ĠU L 76, ta' l-24.3.1977, p. 1.
[6] ĠU L 141, tad-9.6.1979, p. 10.
[7] ĠU L 189, tas-17.7.1984, p. 14.